**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

**Appell Nru: 366/2015**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**Vs**

**Duncan Buttigieg**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Duncan Buttigieg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 244783M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'Mejju tal-2010, u fix-xhur ta' wara, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mis-somma ta' iktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro, u sebgha u tletin centezmu tal-Ewro (€2,329.37), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan ghad-detriment ta' Guido Agius minn Hal Ghaxaq;

2. U aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' ntraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika,

ghamel qliegh b'qerq ta' iktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro, u sebgha u tletin centezmu tal-Ewro (€2,329.37), ghad-detriment ta' Guido Agius minn Hal Ghaxaq;

3. Kif ukoll, Duncan Buttigieg sar recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Lulju, 2015, fejn il-Qorti sabitu hati u kkundannatu ghal tletin (30) xahar prigunerija li minnhom ghandhom jitnaqqsu z-zmien li huwa dam taht arrest preventiv. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Duncan Buttigieg, ipprezentat fl-10 ta' Lulju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza fuq indikata tat-2 ta' Lulju, 2015, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tikkonferma l-htija izda taghti sentenza iktar gusta u ekwa.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, Duncan Buttigieg, huwa s-segwenti w *cioe'*:-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-piena ta' tletin xahar prigunerija. L-appellant iqis li kaz li jitratta dwar ftit inqas minn €3,000 m'ghandux igib sentenza ta' tletin xahar prigunerija.

Rat illi permezz ta' sentenza preliminari datata t-30 ta' Marzu 2017, din il-Qorti iddikjarat is-sentenza impunjata bħala nulla u bla effett skond il-liġi u konsegwentement ordnat it-trattazzjoni mill-ġdid fuq il-mertu.

Ikkunsidrat:

Illi annullata s-sentenza appellata b'sentenza preliminari tat-30 ta' Marzu 2017, il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza, bl-aggravji imqanqla mill-appellant fir-rikors tieghu tal-appell jigu meqjusa bhala sottmissjonijiet in difeza. Illi fil-fatt minn qari tar-rikors tal-appell tieghu ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni dwar il-mertu tal-kaz, bl-appellant jilmenta biss illi l-piena erogata fil-konfront tieghu kienet wahda eccessiva. Illi dan maghdud, madanakollu l-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza minn fejn jemergu is-segwenti fatti probatorji.

Illi lura fis-sena 2011 certu Guido Agius ghamel rapport mal-pulizija tal-iskwadra kontra r-reati ekonomici illi l-appellant kien approprja ruhu indebitament minn flus li huwa kien ghaddielu għal intervent mediku li l-appellant qallu li kien ser isir fi sptar privat, kif ukoll ghaddielu il-flus li kellu bzonn biex jħallas lill-avukat tiegħu sabiex isir rikors l-Qorti biex jirkupra xi flejjes hemmhekk iddepozitati. Agius ghalhekk għaddielu s-somma globali ta' €3400. Il-parti leza jirreferi wkoll għal inċident ieħor meta Buttigieg kien talbu €100 oħra wara li allegatament ċempillu ċertu Warren mill-isptar St. James, izda billi beda jigih suspett dwar il-veracita ta' dak li kien qed ighidlu l-appellant u ma kompliex jaghtih aktar flus. In oltre l-kwerelant kien nduna li l-appellant ma kien gie sottopost ghall-ebda intervent kirurgiku kif minnu allegat u ghalhekk beda jitolbu jroddlu l-flus lura.

L-appellant gie mitkellem mill-pulizija u filwaqt li kkonferma li kien jaf lill-kwerelant stqarr li mhux minnu li kellu jaghtih il-flus. Ammetta li kellu bżonn għajnuna medika iżda dan sehh fix-xahar ta' Ottubru 2010 u kien irceva din il-kura gewwa l-Isptar Mater Dei. Jishaq illi huwa kellu jircevi xi flus minn ghand Agius ghal xi xogħol li kien għamillu u li tieghu baqa' ma thallasx. Ma biddilx din il-verzjoni anke wara li ġie kkonfrontat bil-messaġġi telefonici li Agius kellu bi prova tal-ħlas dovut lilu.

Ikkunsidrat:

Illi apparti l-addebitu tar-reċidiva, l-appellant jinsab akkużat bir-reat ta' l-approprjazzjoni indebita li huwa regolat fl-artikolu 293 tal-Kodiċi Kriminali. Issa

**'L-element partikolari tar-reat ta' approprjazzjoni indebita mhuwiex l-uzu ta' l-ingann da parti ta' l-agent biex jottjeni l-oggett, izda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-haga li l-agent ikun ottjena minghand is-suggett passiv bil-libera volonta' ta' dan. Fl-approprjazzjoni indebita ma jezisti ebda element ta' frodi fis-sens li fl-approprjazzjoni indebita m'hemmx l-element ta' fiducja li essenzjalment jiffacilita tali reat.'**[1]

Illi fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Giuseppa Cauchi intqal is-segwenti:

**Ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita jehtieg li l-hati jkun ghamel mill-haga lilu fdata "konversjoni"; u hemm konversjoni, "inter alia", meta l-hati jkun ircieva l-haga biex minnha jaghmel uzu determinat, u minflok hu jikkonvertiha ghal beneficcju tieghu stess, jew jiddisponi mill-haga kuntrarjament ghall-pattijiet stipulati in bwona fede.**[2]

Illi l-appellant jinsab ukoll akkużat bir-reat tal-frodi fit-termini tal-artikoli 308 u 309 tal-Kap.9, bil-piena aggravata li hija regolata mill-artikolu 310.

Illi skond il-ġurisprudenza sabiex jissusisti r-reat ta' frodi jew truffa hemm bżonn li jikkonkorru s-segwenti elementi:

**Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. F'dan il-kaz il-Qorti sabet li l-elementi kollha kienu presenti.**[3]

Illi esposti dawn l-elementi ta' dritt li isawwru z-zewg reati, jidher evidenti allura li tezisti distinzjoni bejn ir-reat ta' l-approprjazzjoni indebita u dak tat-truffa jew frodi. Dan ghaliex:

**Ir-reat ta' truffa jiddistingwi ruhu essenzjalment minn dak ta' approprjazzjoni indebita, in kwantu fl-ewwel ipotesi l-pussess tal-oggett li**

---

[1] Pulizija vs Joseph Muscat, Imħallef Victor Caruana Colombo, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar it-3 ta' Marzu 1997.
[2] Imħallef William Harding, Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri, deċiża nhar il-21 ta' Novembru 1953.
[3] Pulizija vs Maiga Abdoul Moumine Abdoulaye, deċiża mill-Qorti tal-Appell sede Inferjuri kif ippreseduta nhar l-14 ta' Diċembru 2017

**minnu jsir profitt indebitu jigi ottenut bhala rizultat ta' ngann adoperat mil-konsenjatarju, mentri fl-ipotesi l-ohra dak il-pussess ikun gie konsegwit mill-konsenjatarju legittimament, cjoe' minghajr ingann. Fit-truffa l-ligi riedet timpedixxi l-inganni ghat-trasferiment ta' oggett biex isir profitt indebitu minnu; fl-approprjazzjoni ndebita l-ligi riedet tevita li min ikollu legittimament haga ta' haddiehor ma jabbuzax mill-fiducja lilu moghtija u jiddisponi minnha bhala tieghu. Ghalkemm minhabba f'din id-distinzjoni, l-approprjazzjoni ndebita hija kunsidrata mill-ligi anqas gravi mit-truffa, iz-zewg reati ghandhom bhala karatteristika principali l-lezzjoni tad-dritt tal-proprjeta', jew dritt iehor reali, minghajr il-vjolazzjoni tal-pussess; u huma t-tnejn talvolta maghrufa fid-dottrina bhala "furto improprio". Minhabba din l-affinita' guridika u naturali taz-zewg reati, jekk l-imputat gie kundannat bhala hati ta' approprjazzjoni ndebita, u f'appell li jaghmel mis-sentenza jsostni li l-fatti jikkostitwixxu truffa, jekk qatt, u mhux approprjazzjoni ndebita, il-Qorti tal-Appell ma tistghax tillibera l-imputat, ankorke' kellha tkun tal-opinjoni illi l-pussess tal-flus gie mill-imputat ottenut per mezz ta' ngann taht forma ta' pretest li jadoperahom skond ix-xewqa ta' min fdahomlu f'idejgħ.**[4]

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm kif inghad fir-rikors tal-appell l-appellant ma jidhirx li qieghed jikkontesta il-mertu tal-kawza billi l-ilment tieghu huwa dirett biss lejn il-*quantum* tal-piena mposta, iżda in segwitu għas-sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu 2017, u wara li, skond l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali, saret trattazzjoni dwar il-mertu fuq il-każ, l-appellant sostna li m'hemmx prova li l-parti leza Guido Agius, filfatt għaddielu xi flus kif minnu allegat.

Illi Guido Agius fix-xiehda tieghu jikkontendi illi hu għadda s-somma globali ta' €3400 lill-appellant fejn erba' mija minnhom kellhom jintużaw mill-appellant sabiex l-avukat tiegħu jagħmillu rikors fil-Qorti, filwaqt li l-bqija kellhom jitħallsu minn Buttigieg ghal intervent kirurgiku li kellu bżonn jagħmel ġewwa l-isptar St. James. Dan sar bil-patt illi l-appellant iroddlu lura dawn il-flejjes hekk kif jigi mitlub mill-parti leza, izda kull darba li Agius beda jitlob il-flus lura lill-appellant dan beda igiblu diversi skużi sabiex jagħtih x'jifhem li d-dewmien ma kienx imputabbli lilu.

Illi imbaghad mix-xiehda ta' Albert Micallef għan-nom tal-isptar St. James, Ħaż-Żabbar jidher illi l-appellant ma kien gie sottopost ghall-ebda intervent kirurgiku gewwa l-isptar kif allegat. Dan gie kkonfermat ukoll mix-xhud Warren Fenech li

[4] Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis deċiża nhar it-12.12.1959, mill-imħallef Joseph Flores.

apparti illi spjega l-esperjenza li kellu hu mal-appellant fejn allegatament selfu xi flus li qatt ma ġew rimborsati lilu, għamel referenza għat-telefonata li kellu ma' Agius fejn dan tal-aħħar kien staqsieh jekk kienx minnu li hu jaħdem l-isptar St. James u jekk verament jirranġax għal min ikollu bżonn operazzjoni billi jaghtihom ċekk mill-flus tal-assikurazzjoni. Dan ghamlu wara li l-appellant kien stqarr ma' Agius illi Warren Fenech kien qed jiehu hsieb sabiex ighaddielu ċekk b'rabta mal-operazzjoni li hu kellu allegatament jagħmel. Ix-xhud Warren Fenech ċaħad kategorikament li għamel dan jew gie mitlub jaghmel dan, tenut kont ukoll tal-fatt li hu kien impjegat biss bhala *receptionist* fl-isptar St. James u allura ma kellux is-setgha jaghmel dak li allega l-appellant ghaliex li kieku ghamel hekk kien jissogra jitlef xogħlu.

Illi l-appellant jiċħad li rċieva dawn il-flejjes mingħand il-parti leza. Madankollu ma nnegax li kien hemm skambju ta' messaġġi bejnu u bejn il-parti leza, fejn jidher ċar li hu kellu jaghtih xi flus lura u naqas milli jħallsu, tant illi Agius spiċċa jheddu li kien ser jirrapurtah lill-pulizija jekk jibqa'ma jħallsux. L-appellant qatt ma jaghti spjegazzjoni dwar dawn il-messaggi u qatt ma jichad li saru. Gie ippruvat ukoll mix-xiehda tal-provdituri tas-servizz illi l-iskambju ta' messaggi sar proprju minn fuq numri MSISDN rreġistrati fuq l-appellant.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn tiskarta t-testimonjanza tal-kwerelant li ġiet ikkoroborata minn xhieda oħra kif ukoll mill-prova indizzjarja li saret permezz tal-messaggi skambjati bejnu u bejn l-appellant.

Dan maghdud minn dawn il-fatti probatorji jirrizulta car u tond li l-appellant permezz ta' gidba gieghel lill-parti leza jikkonsenjalu l-flus li altrimenti huwa ma kienx ser ighaddielu. Illi allura ghandha tirrizulta l-htija ghar-reat tal-frodi innominat billi ma hemmx il-prova li l-appellant uza xi mezzi ta' ingann jew raggiri, izda biss illi huwa holoq gidba meta stqarr mal-parti leza li kellu bzonn il-flus biex jaghmel operazzjoni fi sptar privata, kif ukoll biex iqabbad avukat sabiex isir rikors fil-Qorti sabiex jigu rifuzi lilu xi flus. Illi din il-gidba kompliet tiggebbed meta fil-messaggi li l-appellant skambja mal-parti leza huwa tah x'jifhem li kien qiegħed l-isptar u li kellu problemi ta' saħħa. L-appellant ħa vantaġġ mill-ħbiberija li kellu

mal-parti leza li ġenwinament ipprova jgħinu iżda spicca ngidem mill-appellant billi dan tal-ahhar qatt ma raddlu il-flus lura.

Illi dan maghdud allura gjaladarba il-flus gew moghtija lill-appellant abbazi ta' gidba meta l-appellant inganna lil parti leza u tallbu isellfu l-flus bl-iskuza li ried jaghmel operazzjoni u ihallas lill-avukat tieghu, din il-Qorti hija tal-fehma illi jonqsu l-elementi mehtiega sabiex jissussisti ir-reat tal-approprjazzjoni indebita billi l-flus ma gewx mghoddija lil awtur tar-reat ghal ghan legittimu. Illi r-reat gie ikkunsmat hekk kif saret il-gidba u l-vittma ghaddiet il-flus lill-appellant abbazi ta' dik il-gidba. Fil-kaz tal-approprjazzjoni indebita, kif inghad, r-reat jigi ikkunsmat mal-mument illi issir il-konversjoni tal-oggett fdata lill-awtur tar-reat ghal skopijiet li ghalihom ma jkunx gie mghoddi dak l-oggett u allura mal-mument illi l-awtur tar-reat juza dak l-oggett bi profitt ghalih innifsu u mhux ghall-uzu specifikat. Jidher ghalhekk illi l-fatt li l-flus li għaddew min ghand Agius f'idejn l-appellant taħt il-pretiza tal-ingann, din il-Qorti ma tistax tqis dan bħala trasferiment leġittimu iżda wieħed li sar bi frodi. Kwindi billi l-elementi tar-reat tal-appropjazzjoni indebita ma jirriżultawx kollha ppruvati l-appellant ser jiġi lliberat minn din l-akkuza.

Ikkunsidrat:

Finalment għal dak li jirrigwarda l-piena li għandha tiġi mposta fuq l-appellant, ghandu jirrizulta illi l-appellant huwa reċidiv u dan kif jirrizulta kemm mill-fedina penali tieghu kif ukoll mis-sentenza esebieta a folio 20 tal-atti proċesswali u datat it-23 ta' Settembru 2009. Il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni ukoll il-karattru refrattarju tal-appellant kif tixhed il-fedina penali tieghu fejn huwa gie ripetutament misjub hati tar-reati ta' frodi u misapproprjazzjoni, ghalkemm inghata diversi oppportunitajiet mill-qrati sabiex jirriforma hajjtu. Illi ghandu jinghad illi l-piena ghar-reat li dwaru l-appellant ser jigi misjub hati giet varjata permezz tal-Att XXIV tal-2014 fejn allura l-piena ghal dawk ir-reati fejn il-hsara ikkagjonata tkun ta' bejn €500 u €5000 hija dik tal-perijodu bejn sitt xhur sa erba' snin prigunerija filwaqt illi l-piena applikabbli, qabel l-emendi introdotti, ghal dawk ir-reat fejn il-hsara tkun ta' aktar minn Lm1000 kienet dik tal-perijodu bejn tlettax-il xahar sa sebgha snin

priġunerija. Il-Qorti ghalhekk sejra tghaddi biex tapplika dik il-piena l-aktar favorevoli ghall-appellant.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 309, 310(1)(b), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tilllibera lill-appellant Duncan Buttigieg mill-ewwel akkuza, issibu ħati tat-tieni u t-tielet akkuzi miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija.

In oltre, wara li rat l-artikolu 532A tal-Kodici Kriminali, tordna lil hati jħallas is-somma ta' tlett elef u erba mitt Ewro (€3400) lil Guido Agius fi żmien tlett snin mil-lum.

Edwina Grima

Imħallef